KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 22 – Il-ĠIMGĦA 31 TA' LULJU 2020**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
|---|---|---|
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**22.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

22.1.1 L-Itta ta' apoloġija mingħand is-sinjorina Bernice Farrugia ġiet aċċettata nem con.

**22.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

22.2.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (21) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

22.2.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 22.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

22.3.1 Ma kienx hemm.

## 22.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

22.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ta *update* dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin fi Triq il-Wied. L-ilmenti li jirċievi l-Uffiċċju qed ngħadduhom lill-Perit biex jiġu ndirizzati minnufih. Però kien innutat li mal-bidla tal-Kuntrattur, l-ilmenti naqsu drastikament.

22.4.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li l-istruttura ta' librerija fl-apert (open book case) kienet tlestiet u saret *site-visit* biex nidentifikaw il-post preċiż biex tiġi stallata fi Pjazza Ninu Cremona fil-mument opportun.

22.4.3 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li l-Kunsill għamel eżerċizzju biex jidentifika n-numru ta' *cat feeders* li għandu fil-lokalità bl-iskop li jkunu rreġistrati mall-Kunsill u japplika għal skema li nieda l-Ministeru konċernat biex jibbenifika minn servizz għall-ħarsien tal-annimali. Il-Kunsill qed jistenna l-eżitu ta' din l-applikazzjoni.

21.4.4 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li preżentement qed isir market research dwar l-implimentazzjoni ta' *sail shades* fil-playingfield ta' Pjazza Ninu Cremona. F'dan l-istadju, il-Kunsill jinsab ukoll f'kuntatt mall-Perit tal-Kunsill u ma' *engineer* biex jiddiskuti magħhom dwar l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, l-*ispecifications* tal-arbli u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post. Naturalment ser ikunu qed jinġiebu kwotazzjonijiet għal dawn ix-xogħlijiet. Aktar żviluppi jingħataw fis-seduti segwenti.

## 22.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

22.5.1 Ma kienx hemm.

## 22.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

22.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-3 u t-30 ta' Lulju 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET ( 03 July 2020 -30th July 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 148 | 06/07/2020 | Talba biex titneħħa bozza mal-faċċata ta' 4, Triq A M Caruana, m'għadiex tintuża. | settled | 4 Triq A M Caruana | **CONTRACTOR** |
| 149 | 06/07/2020 | Ilment dwar il-proġett ta' Triq il-Wied biex lħaffu r-ritmu tax-xogħol minħabba x-xitwa għax jibżgħu li jgħerrqu. | pending | 83,Triq il-Wied | **Infrastructure Malta** |
| 150 | 06/07/2020 | Ilment dwar il-proġett ta' Triq il-Wied biex jirranġawlu quddiemu għax ma jkunx jista joħroġ. | pending | Eden Lodge, Triq il-Wied | **Infrastructure Malta** |
| 151 | 06/07/2020 | Bankina difettuża fi Triq Ċensu Busuttil | pending | 80, Triq C Busuttil | **COUNCIL** |
| 152 | 06/07/2020 | Ilment dwar il-parapett ta' stabbiliment tan-negzju fi Triq il-Mużika li qed iħallih mimli skart. | pending | Triq il-Muzika | **COUNCIL** |
| 153 | 06/07/2020 | Qeda titlob lill-Kunsill ghal 'cat fee help' (stray cats) | pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 154 | 07/07/2020 | Ilment li hemm inspection chamber miksur fuq il-bankina quddiem 66, Triq il-Klin | settled | 66, Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 155 | 09/07/2020 | Qeda titlob lill-Kunsill għal kaxxa tal-*plastic* biex ir-residenti tal-blokka ta' 'La Mirage' fi Triq Ġwann Mamo, ipoġġu l-boroż tal-iskart fiha sakemm jiġi tal-iscammel, għaliex il-qtates qed iqattgħu l-boroż. | pending | Triq Gwann Mamo | **COUNCIL** |
| 156 | 11/07/2020 | Talba biex titnaddaf katusa fejn il Madonna fi Triq Anton Buttigieg | settled | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 157 | 11/07/2020 | Rapport li meta jinxtegħel id-dawl ta' barra qed tinqatalha s-salva vita fi Triq E S Inglott. | sent e-mail | 38/2 Triq E S Inglott | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 158 | 11/07/2020 | Ilment minħabba l-*cover* li sar mal-bozza ta' Triq K Vassallo għax għandha ħafna dawl ġewwa issa. | pending | 71, Trq Karmenu Vassallo | **COUNCIL** |
| 159 | 13/07/2020 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Trq Karmenu Vassallo. | settled | Triq Karmenu Vassallo | **PUBLIC HEALTH** |
| 160 | 14/07/2020 | Ilment minħabba il-*cover* li sar mal-bozza tat-triq għax dalmet it-triq Karmenu Vassallo u saret insikura | pending | 108, Triq Karmenu Vassallo | **COUNCIL** |
| 161 | 15/07/2020 | Ilment minħabba l-*cover* li sar mal-bozza tat -Triq K Vassallo dalmet it-triq u hemm lok iktar ta abbuż għal serq u ħmieġ tal-klieb. | pending | 79, Triq Karmenu Vassallo | **COUNCIL** |
| 162 | 16/07/2020 | Bozza mitfija mal-ħajt ftit 'l isfel minn 4, Triq L F  Mizzi | sent-email | Triq L F Mizzi | **CONTRACTOR** |
| 163 | 17/07/2020 | Żrar fi Triq il-Hwawar | settled | Triq il-Hwawar | **COUNCIL** |
| 164 | 18/07/2020 | Talba biex tingabar mera u titnaddaf Triq G. Pesci c/w Pjazza N Cremona wara accident ikrah il-Gimgha filghaxija | settled | Triq G. Pesci c/w Pjazza N. Cremona | **COUNCIL** |
| 165 | 18/07/2020 | Ilment dwar trakk bil-bricks ipparkjat matul il-lejl fi Triq il-Prinjol | settled | Triq il-Prinjol | **COUNCIL** |
| 166 | 18/07/2020 | Karozza ipparkjata bla numri tar-reġistrazzjoni fi Triq il-Prinjol | sent e-mail | Triq il-Prinjoli | **POLICE Naxxar** |
| 167 | 23/07/2020 | Bozza tteptep u *cover* miksur  73, Marinella, Pjazza Ninu Cremona c/w Triq A Buttigieg | sent e-mail | Pjazza Ninu Cremona | **CONTRACTOR** |
| 168 | 23/07/2020 | Vetturi pparkjati bla liċenzja fi Triq A Buttigieg, Triq Ċ. Busuttil u Pjazza N Cremona | sent e-mail | Toroq differenti | **Police B'Kara** |
| 169 | 23/07/2020 | Ġrieden fi Triq ir-Razzett L-Aħmar fejn l-arblu tan-NET | sent e-mail | Triq Razzett l-Ahmar | **PUBLIC HEALTH** |
| 170 | 23/07/2020 | Ċediet il-bankina quddiem So Galerie c/w Baker Street Triq Dun Karm clw Triq Geronimo Abos.  Suspett li l-ġrieden imminaw iż-żona. | sent e-mail | Triq Dun Karm | **PUBLIC HEALTH** |
| 171 | 28/07/2020 | Għadda makkinarju goff (Ready mix) minn Triq il-Prinjol u waqqa' l-konkos fit-triq. | settled | Triq il-Prinjol | **POLICE** |
| 172 | 28/07/2020 | Għadda makkinarju goff (R*eady mix)* minn Triq il-Prinjol u waqqa' l-konkos fit-triq. | settled | Triq il-Prinjol | **POLICE** |
| 173 | 28/07/2020 | Ilment dwar skart u ħaxix fi Triq l-Għaqba. | settled | Triq l-Ghaqba | **R&A** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 174 | 29/07/2020 | Residenta minn Triq San Mikiel qed titlob biex inħallu lil xi ħadd għassa mal-ħwat biex fil-festa ta' Ħal Lija ma' jkunx hemm nies li jidħlu fihom u jkissru x-xitel u s-siġar li tħawwlu mill-Kunsill. | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |
| 175 | 30/07/2020 | Hemm fi Triq il-Għargħur quddiem id-dar 'Campo dei Fiori' | pending | Triq il-Għargħur | **COUNCIL** |

## 22.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

22.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

22.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

22.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

22.7.4 Imbagħad is-Sindku ressaq kwotazzjonijiet għall-awtorizazzjoni ta' xiri/oġġetti kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal xiri ta' uniformi għall-istaff tal-Kunsill mingħand il-fornitur In Deisgn (Malta) Ltd għall-prezz ta' Eur571.21c; *nem con*
2. Kwotazzjoni għal xiri ta' 3-day diaries mingħand il-fornitur Printex Ltd għall-prezz ta' Eur111.51c; *nem con*
3. Kwotazzjoni għal servizz ta' tindif (dumping site) f'għalqa li hija proprjetà tal-Gvern għall-prezz ta' Eur1,775.90c VAT inkluż; ma kienx hemm qbil li jsir dan is-servizz peress li nġieb l-argument li l-Kunsill inaddaf a spejjeż ta' min qed iħammeġ u m'hemm l-ebda garanzija li ma terġax issir *dumping site* f'qasir żmien. Is-Sindku semma li l-Kunsill jista jimplimenta cctv camera sabiex jattakka l-vandaliżmu fiż-żona liema proposta però ġiet opposta mill-Kunsillieri Emanuel Zammit u Godwin Catania. Għaldaqstant il-kwotazzjoni ġiet miżmuma *on hold* sakemm tiġi diskussa f'iktar dettall f'laqgħa oħra.

4. Kwotazzjoni għal servizz ta' manutenzjoni fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mingħand il-fornitur DAJ għall-prezz ta' Eur472.00 VAT inkluż;

6.15 p.m. Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo talbet sabiex tiskuża ruħha mis-seduta minħabba mpenji oħra. *Nem con*.

**22 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

22.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

**22.9 TWEĠIBA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI TAL-UDITURI**

22.9.1 Is-Sindku Dr. Sciberras ippreżenta l-Ittra ta' Direzzjoni mibgħuta mill-Udituri tal-Gvern u fejn ġiet ukoll ifformulata t-tweġiba fuq kull punt biex tintbagħat lill-Awditur Ġenerali, lill-Udituri tal-Gvern u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

22.9.2 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

22.9.3 Is-Sindku Dr. Sciberras ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jikkunsidra u japprova r-risposta li ġiet ippreparata mis-Segretarju Eżekuttiv.

22.9.4 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. E)**

**22.10 LIJA/IKLIN FOOTBALL YOUTH NURSERY**

22.10.1 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li xtaq jiftaħ diskussjoni dwar Lija/Iklin Football Youth Nursery anke fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew riċentement. Peress li l-Kunsillier Bernice Farrugia ma kenitx preżenti għal din is-seduta, il-Kunsillier responsabbli mill-Isport u tirrappreżenta lill-Kunsill fil-Kumitat ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery, talab biex dan l-item jiġi sospiż u jiġi diskuss f'seduta oħra.

## 22.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

22.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Awwissu 2020 fil-5.30 pm.

22.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il- Ġimgħa, 28 ta' Awwissu 2020 fil-5.30 pm.

22.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.40 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |